**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 37– 19 ta' Lulju 2017**

***Minuti tal-37 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 19 ta' Lulju, 2017 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 37. Il-laqgha bdiet fis-6:10 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Hadd** | |
| **Assenti :** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**37.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOGIJI**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsilliera li ma kienet giet prezentata l-ebda ittra ta' apologija.

**37.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgha precedenti. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Il-minuti gew approvati unanimament. (141), ghajr ghall-astensjonijiet li kien hemm minghand il-Kunsillier Kevin Glynn li ma kienx prezenti ghal dik il-laqgha partikolari.

**37.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

37.3.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsilliera li l-Kunsill intalab jaghzel jekk ic-cint li ghandu jsit huwiex ta erba' jew seba' filati madwar il-plot zdingat li hemm fi Triq Dun Salv Ciappara. Il-Kunsill li l-kwotazzjoni li ghandha tintalab fuq ic-cint ta' seba' filati.

37.3.2 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ma ntbaghat l-ebda rapport tal-allegat incident li sar mill-vettura tal-Kunsill lill-karozza ta' terzi.

37.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament li madwar il-monument li hemm fi Triq Sciortino, jitpogga caghaq dekorattiv.

37.3.4 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li kienet saret l-ewwel laqgha tal-Hal Mula Local Plan li ghaliha kien hemm rapprezentanza tal-OHSA, Pulizija, residenti, garaxxijiet, Planning Authority u GRTU. Il-Kunsillier Roderick Aquilina li kien qed jirraprezenta lill-Kunsill qal li kienet laqgha pozittiva hafna.

Il-Kunsillier George Cortis ghamel ringrazzjament lil dawk kollha li kienu b'xi mod involuti sabiex Triq Hal Dwin inghatat wicc gdid. Huwa telaq mil-laqgha fis-6:20pm.

37.3.5 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li saret proposta mill-Malta Industrial Parks dwar ir-responsabilita li ghandu tal-gbir tal-iskart, kemm kummercjali, domestiku u anke bulky taz-zona maghrufa t'Gharram, kif ukoll il-knis tal-istess zona. Il-kunsill gie nfurmat li ghat-tlett xhur li gejjin is-servizz isir mill-Kunsill u l-Kunsill jithallas mill-MIP. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kunsill ghandu jaccetta din il-proposta. (142).

L-MIP ghamlet proposta li dan ix-xoghol jibda jsir mill-Kunsill ghat-tlett snin li gejjin, liema xoghol jinghata kumpens ghalih. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. (143)

Fis-6:40pm dahlu ghal-laqgha tal-Kunsill, il-Vici Sindku Alfred Grixti u l-Kunsillier Clive Azzopardi.

37.3.6 Is-Sindku qalet li saret talba minn kuntrattur sabiex isir tower crane gewwa Triq Gdida fi Triq Gharram. Il-Kunsill iddecieda li l-kuntrattur ghandu jipprovdi site plan i l-qisien ta' dan it-tower crane.

37.3.7 Is-Segretarju Ezekuttiv gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba li saret minn resident fi Triq il-Mithna sabiex jinqalghu xi sigar li hemm u li skont il-Perit il-hsara jista' jkun li qed tigi ikkawzata minn tlett sigar li hemm fil-vicinanzi. Il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma ssir l-applikazzjoni mal-ERA sabiex dawn jinqalghu, ghandu jigi mitkellem id-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jaghti l-parir tieghu.

37.4 **European Mobility Week**

Il-Kunsill qabel unanimament li isir tentattiv biex fis-17 ta' Settembru 2017 issir car free day fil-pjazza.

37.5 **One Way fi Triq il-Buskett**

Il-Kunsill qal li Triq il-Buskett diga qieghda One Way fis-Sajf nhar ta' Gimgha u s-Sibt. Kienu diga twehhlu tabelli li jindikaw dan ghal darba, darbtejn, pero' dawn tnehhew minn nies mhux maghrufa.

Il-Kunsill ippropona li d-direzzjoni tat-traffiku ghandha tkun lejn ir-Rabat u mhux lejn Haz-Zebbug.

37.6 **Festa San Guzepp**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-arrangamenti mehtiega ghall-permessi u t-tindif ta' waqt il-festa ta' San Guzepp saru bhas-soltu.

37.7 **Kostruzzjoni fi Vjal il-Helsien**

Is-Sindku Sarah Agius regghet resqet it-talba ta' zvilluppaturi fi Vjal il-Helsien sabiex jitressaq arblu bil-fanali li jdawwal Vjal il-Helsien sabiex ikun jista jakkomoda d-dahla ta' garaxx li ghandhom fil-pjanta taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ebda arblu m'ghandu jiccaqlaq l-ewwel nett ghaliex l-arbli gew qabel l-izviluppi proposti u anke ghall-fatt li l-arbli huma mpoggijjin f'simmetrija. (144)

37.8 **Parking f'tal-Hlas**

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir applikazzjoni sabiex jitwahhlu bollards fuq iz-zuntier tal-kappella tal-Kuncizzjoni. Dwar il-proposti ta'parkegg li qed taghmel TM f'din iz-zona, il-Kunsill qabel li m'ghandu ebda oggezzjoni diment li jkun hemm qbil bejn TM u dawk li huma nvoluti.

37.9 **Regjun Nofsinhar – Fondi ghat-Tarmac**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li r-regjun li jaghmel parti minnu Haz-Zebbug ghandu ghad-disposizzjoni tieghu Eur100,000 li jridu jitqassmu bejn l-irhula kollha. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir Triq id-Duluri li l-istima ghall-wicc taghha hi ta' madwar Eur7,000.

37.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni bl-iskeda tal-Pagamenti**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Wara diskussjoni, is-Sindku Sarah Agius pproponiet li WM Environmental m'ghandux jithallas ghall-kont tas-soft areas. Il-Kunsillier Roderick Aquilina issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu li WM Environmental m'ghandux jithallas.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena mill-vot tal-knis ta' WM Environmental. Il-Kunsillier Vernalise Scicluna astjeniet mill-voti lil Philip Seguna, filwaqt li l-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia.

Ghall-kumplament tal-vot, il-Kunsill qabel unanimament. (145)

37.11 **Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Philip Said ressaq talba minn residenti sabiex tizdied stage ohra fi Mdina Road.

Huwa semma wkoll li kellu talba ghall-informazzjoni mill-Caritas dwar x'servizzi lill-anzjani jigu offruti mill-Kunsill.

36.11 **Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li Jmiss**

Il-laqgha spiccat fit-8:15pm. Id-data tal-laqgha li jmiss giet deciza li ser issir fis-23 ta' Awwissu 2017.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |